



Pjan ta' Investiment għall-Ewropa | Lulju 2018

**IL-PJAN JUNCKER JILĦAQ
IL-MIRA TA' INVESTIMENT TA'**

**€315
BILJUN**

SKEDA INFORMATTIVA TAS-SETTUR - RIĊERKA, ŻVILUPP U INNOVAZZJONI 

IL-PJAN JUNCKER KIF IBBENEFIKA LIR-RIĊERKA, L-IŻVILUPP U L-INNOVAZZJONI?

Investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni huwa investiment fil-futur tal-Ewropa. Madwar żewġ terzi tat-tkabbir ekonomiku tal-kontinent matul l-aħħar deċennji ġie xprunat mill-innovazzjoni. L-Ewropa tipproduċi terz tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kollha ta' kwalità għolja u għandha pożizzjoni globali ewlenija fis-setturi industrijali. Issa jeħtieġ li nqiegħdu din l-eċċellenza xjentifika u dan il-potenzjal tal-innovazzjoni fis-suq. Bl-għajjnuna tal-istrumenti finanzjarji t-tajbin, aħna nistgħu nagħtu spinta lill-innovazzjoni xprunata mit-teknoloġija u nippermettu lill-kumpaniji Ewropej iżommu ruħhom aġġornati mal-megatendenzi tad-diġitalizzazzjoni u dawk globali, bħall-intelliġenza artifiċjali u r-robotika. Il-Pjan Juncker jippermetti lill-Bank Ewropew ta' Investiment iżid in-nefqa privata u jqawwi n-nefqa pubblika għall-innovazzjoni, biex l-Ewropa tkun adattata għad-deċennji li ġejjin.



Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati proġetti:






EŻEMPJI TA' PROĠETTI APPOĠĠJATI MILL-PJAN JUNCKER

Teknoloġija tar-radars fid-Danimarka TERMA



Self ta' €28 milljun qiegħed jappoġġja lill-manifattur tal-ajruspazju Daniż Terma jinvesti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) għall-iżvilupp ta' prodotti b'teknoloġija avvanzata għal applikazzjonijiet spazjali ċivili, bħal komponenti għal satelliti kummerċjali, teknoloġija tar-radar għall-kontroll tal-portijiet, kostali, tal-ajruporti u tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll sistemi ta' awtprotezzjoni fl-ajru.

Ħżin tal-enerġija rapidu fl-Estonja SKELETON TECHNOLOGIES



Self ta' €15-il milljun se jagħti spinta lill-isforzi tar-RŻI ta' Skeleton Technologies, il-produttur ewlieni tal-Ewropa tal-ultrakapaċitaturi. L-ultrakapaċitaturi huma teknoloġija emerġenti li jintużaw għall-ħżin tal-enerġija rapidu. Is-self se jippermetti lil Skeleton tinvesti fir-RŻI u mit-teknoloġija tagħha twassal għal iffrankar enerġetiku għall-grilji tat-trasport u tal-enerġija. Il-kumpanija se tkun tista' wkoll iżżid l-għadd ta' persunal tagħha.

Trattamenti tal-kanċer tal-moħħ fl-UE: MAGFORCE



Self ta' €35 milljun qiegħed jappoġġja lill-kumpanija tal-apparat mediku Ġermaniża MagForce biex tiżviluppa approċċ ġdid biex jiġi ttrattat l-aktar tip aggressiv ta' kanċer tal-moħħ, glioblastoma. Dan l-approċċ il-ġdid jagħmilha possibbli li t-tumur jiġi miġġieled minn ġewwa, filwaqt li ma ssirx ħsara lit-tessut b'saħħtu tal-madwar. Il-pazjenti diġà qed jiġu ttrattati b'suċċess fil-Ġermanja, u dan il-ftehim il-ġdid qed jippermetti lil MagForce toffri t-trattament madwar l-UE, fejn diġà bdiet it-tnedija fil-Polonja.